# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**S.T.O. NOEL V. ARRIGO LL.D. - PRESIDENT**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 25 ta' Jannar, 2002**

**Numru  135**

**Citaz.  numru:  268/98**

**Magdalene McKay**

**vs**

**Charles McKay**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici fis-6 ta' Frar 1998 fejn ippremettiet:

"Illi l-partijiet izzewgu fit-12 ta' Mejju 1994 fil-Parrocca ta' l-Isla, certifikat hawn anness u mmarkat Dokument "A";

Illi l-kunsens tal-konvenut kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet

essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibbli ghall-konvenut li jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, u dan ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (d) ta' l-Att taz-Zwieg kif sussegwentement amendat u kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni;

Illi wkoll il-kunsens tal-konvenut kien inghata bl-eskluzjoni posittiva ta' wiehed mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga ai termini ta' l-Artikolu 19 (1) (f) ta' l-istess Att, u cioe' bl-eskluzjoni posittiva ta' ulied f'dan iz-zwieg kif ser jirrizulta wkoll waqt it-trattazzjoni;

TALBET li din il-Qorti:

1. tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi, iz-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju 1994 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi, lill-konvenut responsabbli ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg;

3. tobbliga lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghall-perjodu ta' hames snin.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu mharrek ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument esebit.

Il-konvenut, debitament notifikat, fl-14 ta' Dicembru 1998 ma ghamilx l-eccezzjonijiet tieghu skond il-ligi u ma deherx ghall-ewwel seduta li fiha giet appuntata l-kawza fit-22 ta' April 1999 kif ma deherx ghas-seduti sussegwenti.  F'din is-seduta l-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottoressa Veronica Galea Debono biex tigbor il-provi.

Fis-seduta quddiem l-Assistenta Gudizzjarja tas-6 ta' Marzu 2000 l-attrici pprezentat ix-xhieda taghha permezz ta' seba' (7) affidavits.  (Effettivament din ix-xhieda gietipprezentata darbtejn peress illi l-istess affidavits li gew ipprezentati quddiem l-Assistenta Gudizzjarja u cioe' ta' Georgina, Jane u Francis Cachia, ta' Marion Risiott, Rita Chircop u Alfred Williams u ta' l-istess attrici gew ukoll ipprezentati b'noti separati fit-23 ta' Settembru, 14 ta' Ottubru u 27 ta' Ottubru 1999 wara li l-attrici kienet giet hekk awtorizzata taghmel mill-Qorti fis-seduta tas-6 ta' Lulju 1999 - ara f'dan ir-rigward minn fol. 12 sa 49 tal-process u wkoll minn fol. 51 sa 88).  B'rikors

tat-3 ta' Awissu 2000 ukoll l-attrici pprezentat rapport *ex parte* tal-psikologa Joan Camilleri a tenur ta' l-Artikolu 563A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta (introdott bl-Att XXIV tal-1995). Fis-seduta tat-13 ta' Frar 2001 il-Qorti giet infurmata li l-provi inghalqu, informazzjoni ripetuta mill-attrici fir-rikors taghha tas-16 ta' Marzu 2001 fejn talbet ukoll "*taghti lill-konvenut zmien sabiex jaghmel sottomissjonijiet bil-miktub b'notifika lill-esponenti u taghti lill-esponenti zmien sabiex twiegeb, jew sabiex taghmel is-sottomissjonijiet taghha jekk il-konvenut jonqos milli jaghmel in-nota tieghu.*" Fis-seduta tat-18 ta' Settembru 2001 il-Qorti filwaqt li awtorizzat lill-attrici tipprezenta nota ta' osservazzjonijiet, fin-nuqqas ta' dehra tal-konvenut, ma dehrilhiex illi kellha takkordalu l-beneficcju moghti lill-konvenuti kontumaci taht is-sub-artikolu (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta peress illi kif gie ritenut minn din il-Qorti f'diversi sentenzi precedenti dan il-beneficcju ghandu jinghata biss lill-konvenut li juri nteress fil-kawza bid-dehra tieghu pero' li ma jirnexxilux jissodisfa lill-Qorti li kienet tezisti raguni tajba ghall-kontumacja tieghu. Ukoll qabel ma tghaddi ghal-prolazzjoni tas-sentenza fuq il-meritu l-Qorti sejra tastieni milli tiehu aktar konjizzjoni tat-talba attrici biex tinstema' x-xhieda ta' l-Arcipriet Vincent Cachia u dana wara r-rikors tieghu tat-3 ta' Frar 2000 peress illi huwa

ovvju li l-attrici ma kellhiex aktar interess biex tinstema' din ix-xhieda.

Ikkunsidrat:-

Mill-ezami tal-provi prodotti, sa fejn huma rilevanti, fil-parametri tat-talbiet attrici u fl-isfond tal-provvedimenti ta' l-Artikolu 19 tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta, jirrizultaw dawn il-punti saljenti:-

1. Il-konvenut kien imdejjaq ighix ghand ommu u missieru peress li kien ighid li ommu ma ssajjarlux u ma tahsillux il-hwejjeg u dana fost diversi lmenti ohra. "*Hu kien ighid illi meta jkun id-dar tal-genituri tieghu kien ihossu maghluq gewwa xi gagga ghaliex ma seta' jaghmel xejn b'ommu.*" (xhieda ta' l-attrici). Lil-missier ma kienx ikellmu u ma huh Rosario kien miggieled. Dawn il-fatti kien ammettihom ma' l-istess attrici u kien tahom bhala raguni ghaliex huwa kien izzewweg: "*illi huwa kien izzewwigni ghaliex ma setax jissapporti s-sitwazzjoni tieghu d-dar u li haseb illi l-problemi tieghu kienu jissolvew meta huwa jizzewweg. Izda dawn il-problemi baqa' jgorrhom mieghu u minflok waqfu zdiedu. Ammetta wkoll illi lili ma kienx ihobbni. Kellu biss gibda zghira*

*lejja izda xejn aktar.*" (xhieda ta' l-istess attrici). Dawn il-fatti huma wkoll ikkonfermati minn Georgina Cachia, iz-zija ta' l-attrici, li kellha sehem importanti fit-trobbija taghha u li l-attrici kienet tmur ta' spiss ghandha anke mal-konvenut (ara fir-rigward ix-xhieda ta' din Georgina Cachia a fol. 53 tal-process). Finalment ukoll dawn il-fatti huma kkonfermati mix-xhieda ta' Alfred Williams li minkejja illi jigi bi zwieg mill-attrici kien jaf lill-konvenut li kien fetah qalbu mieghu u kien qallu kemm ma kienx kuntent fid-dar ta' ommu u missieru.

2. Il-konvenut qatt ma ried li jkollu tfal u dan il-konvincement tieghu kien jezisti anke minn qabel iz-zwieg "*Fuq it-tfal ftit li xejn konna nitkellmu waqt l-gherusija. Kont jiena illi kont irrid nibda nghid xi haga. Pero', stajt ninduna illi dan l-argument kien jipprova jevitah b'kull mezz. Naf bic-cert, u dan ghax qaluli hu stess, illi zwieg kien ikun minghajr tfal. Meta kont nghidlu igri nizzewgu halli jkollna t-tfal, ir-risposta tieghu kien tkun - "Int qieghed tiggennen! Taf x'inti ghid! Xi dwejjaq it-tfal - trid toqghod tiehu hsiebhom u tissapporti l-qrid taghhom". Jiena kont nghidlu bil-kontra u hu kien ighidli illi jiena ghad inbiddel fehmti u nibda nahsibha bhalu. Meta konnha naraw xi tfal illi kienu jigu minni, hu ma kienx jirreagixxi - qiesu ma qieghed jara xejn. Meta konna naraw xi*

*tfal barra u nghidlu kemm kienu sbieh, hu kien ighid illi jiena kont mignuna u kien joqghod ixebbah it-tfal ma' annimali. Anke ghat-tifla ta' huh, kien igerger. Darba minnhom, konna morna l-isptar naraw baby tal-familja illi kien ghadu kif twieled f'dawk il-jiem, u hu kien assocjah ma' lupu. Jiena kont naraha stramba din, imma qatt ma tajtha hafna importanza. Kont nafdah u kont nahseb illi hu kien ighid hekk minhabba l-ambjent familjari illi kien ighix fih.*" Anke wara l-konvenut baqa' bl-istess hsieb: "*Problema ohra illi kellna kienet tirrigwarda t-tfal. Il-konvenut ma riedx tfal. Meta qabel iz-zwieg kien ighid illi huwa ma riedx tfal ma tantx kont naghti kazu ghaliex kont nahseb illi wara z-zwieg ibiddel fehmtu u jkun irid it-tfal. Izda din is-sitwazzjoni ma tantx inbidlet wara z-zwieg. Huwa xorta wahda baqa' jinsisti illi tfal ma jridx u meta kien jara xi tarbija, bhal qabel, kien iqarras wiccu u jghid illi t-tfal hlief inkwiet ma jgibux maghhom. Niftakar illi darba minnhom, jiena hsibt illi stajt kont tqila u fraht izda meta ghidt lil Charles dwar din il-possibbilita', huwa beda jirrabbja hafna u xtrali l-gin biex jiena nnehhih. Jiena ma kontx xrobtu ghaliex kien irrizultali ftit wara illi ma kontx tqila.*" (Iz-zewg kwotazzjonijiet huma mix-xhieda ta' l-istess attrici).

3. Il-konvenut ma kienx ifittex lill-attrici ghall-att konjugali wara z-zwieg. "*Nerga' nghid illi huwa ma kienx ifittixni u dahhalli f'mohhi illi jiena ma kontx noghgbu u dan peress illi huwa ma kien jiehu ebda interess f'kull haga illi naghmel. Jekk kien ikun qieghed jaqra l-gazzetta, l-gazzetta kien jibqa' jaqra; u jekk kien ikun qieghed jara t-television, kien jibqa' jarah. Meta nigu biex norqdu, l-konvenut kien dejjem isib xi skuza - jew ghax ghajjien jew ghax ma kellux aptit. U meta kien jaccetta, hu jfittex biss illi jissodisfa lilu nnifsu u jorqod mal-ewwel.*" (xhieda ta' l-attrici). Dan huwa wkoll ikkonfermat mix-xhieda ta' Georgina Cachia (fol. 54) li tghid illi l-konvenut anke wara z-zwieg kien iqatta' hin twil jixrob fil-Kazini ta' l-Isla jew jara l-*videos* anke fil-hin tax-xoghol. Hija kkonfermat li dawn kienu jkunu *videos* pornografici ghax kienet semghet lill-konvenut jitkellem ma' l-attrici f'dan is-sens. L-attrici wkoll tixhed illi l-konvenut kien idum jara *videos* sa kmieni fil-ghodu u li finalment skopriet li effettivament dawna kienu *videos* pornografici.

4. Jirrizulta mill-provi li l-konvenut ma tantx kien herqan illi jizzewweg. "*Kienet Magdalene illi pproponiet iz-zwieg. Naf illi nqala' argument ghaliex ghalkemm huwa accetta li jizzewweg ried illi jizzewweg bir-registru biss. Huwa hass illi ma kellux*

*ghalfejn jizzewgu bil-Knisja. Magdalene ma riditx zwieg civili, u niftakar illi kienet sabet opposizzjoni kbira minn naha tal-ġenituri taghha. Fl-ahhar, huwa accetta illi jizzewweg bil-Knisja wkoll. Sentejn wara l-gherusija, huma zzewgu.*"; u aktar tard a fol. 54 "*Ghalkemm Magdalene kienet herqana biex tizzewweg, minn naha tieghu, Charles ma kienx juri l-istess entuzjazmu. Ma kienx jinvolvi ruhu fil-preparamenti tat-tieg. Halla kollox f'idejn Magdalene u ommha. Niftakar illi fil-gimgha ta' qabel it-tieg, huwa xorta wahda baqa' jqatta' sieghat twal fil-kszini minflok jilqa' l-mistiedna tat-tieg id-dar tieghu.*" (Xhieda ta' Georgina Cachia). Il-preparamenti kollha ghat-tieg saru mill-attrici u mix-xhieda kollha prodotti jirrizulta illi ghall-konvenut dina kienet qiesha xi gurnata normali.

Il-fattu fuq imsemmija huma kkonfermati almenu fil-punti saljenti taghhom ukoll mix-xhieda moghtija mill-genituri ta' l-attrici, minn zija ohra taghha Rita Chircop nee' Cachia kif ukoll minn habiba ta' l-attrici minn tfulitha Marion Risiott li kienet ukoll taf lill-konvenut. Il-punti saljenti ta' din ix-xhieda gew ukoll migbura mill-attrici fin-nota ta' sottomissjonijiet tat-18 ta' Settembru 2001 f'liema nota ta' sottomissjonijiet din ix-xhieda hija wkoll inkwadrata b'riferenza partikolari ghall-provvedimenti tal-ligi in materja.

Ikkunsidrat:-

Mill-provi migbura u mill-osservazzjonijiet fuq maghmula din il-Qorti ma ghandhiex dubbju illi fil-mument taz-zwieg il-kunsens tal-konvenut kien ivvizzjat. Huwa dahal ghal dan iz-zwieg biex jahrab mis-sikkatura li kellu fid-dar ma' missieru, ommu u hutu pero' qatt ma rrealizza, jew forsi anqas ipprova jirrealizza, x'kienu d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk dan iz-zwieg ghandu jigi ddikjarat null a tenur ta' l-Artikolu 19 (1) (d) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kunsens tal-konvenut pero' huwa wkoll ivvizzjat taht is-sub-inciz (f) ta' dan l-Artikolu. Sa fejn huwa possibbli l-kuncett ta' familja anke mil-lat purament civili u socjali (u hawn qed nittrattaw iz-zwieg mill-aspett civili tieghu) jinkludi l-koncepiment u trobbija tat-tfal. Dan l-element, essenzjali fil-hajja mizzewga, gie pozittivament eskluz mill-konvenut u huwa sufficjenti ghall-fini ta' dan is-sub-inciz minghajr ma ghandha l-Qorti ghalfejn tezamina jekk il-konvenut eskludiex ukoll id-dritt ghall-att taz-zwieg peress illi dwar dan il-punt il-provi jistghu jkunu konfliggenti.

Finalment b'riferenza ghall-Artikolu 20 ta' l-istess Kapitolu 255, il-Qorti wkoll hija sodisfatta f'dak il-grad rikjest f'kawza

civili, anke ta' din in-natura, illi l-attrici kienet in *buona fide* u li kien il-konvenut li huwa responsabbli ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg.

Ghal dawn ir-ragunijiet din il-kawza hija deciza billi l-Qorti tilqa' t-talbiet attrici u:

1. tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi, li z-zwieg ikkuntrattat bejn il-partijiet fit-22 ta' Mejju 1994 huwa null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi;

2. tiddeciedi u tiddikjara ghar-ragunijiet premessi, lill-konvenut responsabbli ghan-nullita' ta' dan iz-zwieg; u

3. tobbliga lill-konvenut ihallas manteniment lill-attrici ghall-perjodu ta' hames snin kif stipulat fil-ligi.

Fuq il-meritu u stante l-kontumaci tal-konvenut l-ispejjes kollha tal-kawza ghandhom jigu mhallsa minnu.

Deputat Registratur

rf.